**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 10 ta’ Marzu, 2022**

Rikors Numru: 610/21 AL

AB

vs

CD

(MR Nurmu 156/2020)

Rat ir-rikors ġuramentat li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar is-17 ta' Jannar tas-sena 2020 ġewwa r-Reġistru Pubbliku (Kopja vera taċ-Ċertifikat taż-Żwieġ qed jiġi anness u mmarkat bħala ‘DOK.A');

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom separati mis-6 ta' Mejju tas-sena 2021 permezz ta' Kuntratt ta’ Separazzjoni awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti

(Kopja vera tal-Kuntratt tas- Separazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala ‘DOK.B’);

4. Illi għaldaqstant, m'hemm ebda prospett ragjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi l-partijiet qed jgħixu hajja totalment separata minn xulxin u llum il-ġurnata għandhom il-ħajja taghhom u għaldaqstant, ma teżisti l-ebda possibilità ta' rikonċiljazzjoni;

6. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (KAP.16) tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Illi ma' dan ir-rikors, qed jigi anness l-Affidavit tal-esponenti nnifsu (Affidavit qed jiġi anness u mmarkat bħala 'DOK.C');

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m’għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar is-17 ta’ Jannar tas-sena 2020;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Semgħet lir-rikorrenti tixhed bil-ġurament taghha;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta’ Jannar, 2022;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentax risposta;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi xehdet illi l-partijiet ilhom *de facto* separati ghal madwar senau legalment separati mis-6 ta' Mejju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.